# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Dicembru 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Anthony Mercieca)**

**vs**

**Gennaro Russo**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputatzzjonijiet migjuba kontra:

Gennaro Russo, 32 sena, iben Giuseppe u Paula nee' Calabrese, imwieled Napoli, l-Italja nhar it-2 t' Awwissu 1992, minghajr residenza fissa gewwa Malta, detentur tal-permess ta' residenza Maltija bin-numru 140559A, detentur ta' numru ta' Passaport Taljan b'numru YB7633142, detentur ta' numru ta' karta tal-identita Taljana CA46557SE

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-28 t' Awwissu 2024 u anka matul ix-xhur ta' qabel:

1. Naqas milli jhares xi wahda u/jew iktar minn wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), b'digriet mghoti mill-Magistrat Dr Natasha

Galea Sciberras LL.D datat nhar id-9 ta' Frar 2022 li permezz tieghu huwa inghata l-helsien mill-arrest, taht diversi kundizzjonijiet.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija, l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht garanzija ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Rat li fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti tat-28 t'Awwissu 2024, id-difiza iddikjarat li mhix qed tikkontesta l-validita tal-arrest salv ghal dak li ghandu x'jaqsam mar-rule of speciality. F'dik is-seduta l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, u l-kawza giet differita ghall-provi tad-difiza.

3. Rat li fis-seduta sussegwenti tal-4 ta' Settembru 2024, id-difiza irregistrat is-segwenti verbal:

*"Id-difiza f'dan l-istadju qed teccepixxi illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione jidher illi Gennaro Russo ma tregghax lura gewwa Malta sabiex jitressaq bir-reat ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u lanqas ma ezenta ma' dak li ghandu x'jaqsam Rule of Speciality. Ghaldaqstant id-difiza titlob sabiex jintemmu l-proceduri odjerni biex b'hekk is-sur Russo ikun jista jkompli l-prosekuzzjoni kontra tieghu li hija prezenzjalment ghaddejja quddiem l-Istruttorja hekk kif preseduta mill-Magistrat Dr Elaine Rizzo u limitatament ghal dawk ir-reati li fuqhom huwa gie estradit u mreggha lura Malta"*

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet fuq l-eccezzjoni sollevata mid-difiza dwar ir-*rule of speciality*.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. M'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, li huma s-segwenti:

i. Fis-17 ta' Dicembru 2021 gew intavolati proceduri kriminali kontra l-imputat ghal traffikar ta' droga u hasil ta' flus li qed jinstemghu minn din il-Qorti, diversament preseduta, bhala Qorti Istruttorja.

ii. B'digriet tad-9 ta' Frar 2022, il-Qorti Istruttorja akkordat lill-imputat il-helsien mill-arrest taht diversi kondizzjonijiet, fosthom li jirraporta l-Ghassa tal-Pulizija darbtejn kuljum u li ma jitlaqx minn Malta.

iii. B'digriet tal-15 ta' Jannar 2024, il-Qorti Kriminali awtorizzat lill-imputat isiefer lejn Napli gewwa l-Italja fuq btala mill-31 ta' Jannar 2024 sal-14 ta' Frar 2024.

iv. L-imputat baqa' ma giex lura mill-Italja fl-14 ta' Frar 2024, u ghalhekk fis-6 ta' Gunju 2024, inhareg mandat ta' arrest Ewropew fil-konfront tieghu sabiex l-awtoritajiet Taljani jibghatuh lura Malta sabiex jirrispondi ghad-disa' (9) imputazzjonijiet ta' traffikar ta' droga u hasil ta' flus fil-proceduri kriminali pendenti kontra tieghu, kif ukoll sabiex jirrispondi ghall-imputazzjoni ta' ksur tad-digriet tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest tad-9 ta' Frar 2022.

v. B'sentenza tal-23 ta' Lulju 2024, il-Qorti tal-Appell ta' Napoli ordnat li l-imputat jitregga' lura Malta, in forza tal-Mandat ta' Arrest Ewropew. L-imputat appella minn din is-sentenza.

vi. B'sentenza tal-20 ta' Awwissu 2024, il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni Taljana cahdet l-appell tal-imputat, u ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Napoli.

vii. L-imputat ingieb lura Malta fis-27 t'Awwissu 2024 u fit-28 t'Awwisu 2024 tressaq quddiem din il-Qorti mixli bil-ksur tad-digriet li bih gie moghti l-helsien mill-arrest tad-9 ta' Frar 2022.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Din is-sentenza hija limitata ghal decizjoni dwar l-eccezzjoni sollevata mid-difiza tar-*rule of speciality*. Din l-eccezzjoni qieghda tigi trattata preliminarjament, stante li jekk

tigi milqugha, tkun effettivament tikkostitwixxi impediment ghat-tkomplija ta’ dawn il-proceduri.

8. Paragrafu 27(2) tal-Council Framework Decision tat-13 ta’ Ġunju 2002 dwar il-European arrest warrant and surrender procedures between Member States jipprovdi hekk:

> *“2. Except in the cases referred to in paragraphs 1 and 3, a person surrendered may not be prosecuted, sentenced or otherwise deprived of his or her liberty for an offence committed prior to his or her surrender other than that for which he or she was surrendered”.*

9. Kif inhuwa risaput ir-*rule of speciality* għandha l-għan li tipproteġi lill-persuna li ġiet estradita sabiex ma tiffaċċax prosekuzzjoni jew li jkollha tiskonta sentenza fir-rigward ta’ fatti kommessi qabel l-estradizzjoni, hlief għal dawk li dwarhom saret l-estradizzjoni: *“In general, a person surrendered may not be prosecuted, sentenced or otherwise deprived of his or her liberty for an offence committed prior to the surrender other than that for which the person was surrendered. This is the rule of speciality, set out in Article 27 of the Framework Decision on EAW”.*[1]

10. Fl-ordinament guridiku Malti, din ir-*rule of speciality* ghall-finijiet tal-mandat ta’ arrest Ewropew tinsab inkorporata fir-Regolament 66 tal-Ordni dwar Pajjizi Barrannin appuntati dwar l-Estradizzjoni (Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05).

11. Fil-kaz odjern m’hemmx dubbju li l-mandat ta’ arrest Ewropew kontra l-imputat kien jikkontempla kemm id-disa’ imputazzjonijiet ta’ traffikar u droga li dwarhom kien hemm diga pendenti proceduri kriminali, kif ukoll l-imputazzjoni tal-ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest. Fil-fatt il-Mandat kien *inter alia* jghid hekk:

*“j. And also for having on the 1st June 2024 and also during the months before, failed to adhere to the conditions imposted by the Court of Magistrates presided by Magt. Dr. N.*

---

[1] Notices From European Union Institutions, Bodies, Offices and Agencies. Commission Notice – **Handbook on how to issue and execute a European arrest warrant** (2017/C 335/01) paġna 18 (pubblikat fis-6 ta’ Ottubru 2017). Ara wkoll is-sentenza **Patrick Spiteri vs L-Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta’ Lulju 2020.

*Galea Sciberras LL.D. in its decree dated 9th February 2022, granting bail and this in breach of Article 579(1)(2) of the Criminal Code, Chapter 9 of the Laws of Malta.”*[2]

12. Madanakollu ghal xi raguni li ma tirrizultax mis-sentenza relattiva, il-Qorti tal-Appell ta' Napoli irriteniet illi dan il-mandat inhareg *“talli l-persuna rikjesta wettqet 10 reati relatati ma' droga, b'mod partikoari kokaina u kannabis, u hasil ta' flus, f'Malta fix-xhur ta' qabel il-15.12.2021.”*[3] Jidher li bi zvista, il-Qorti ta' l-Appell ta' Napoli ma irrealizzatx li l-ghaxar imputazzjoni ma kinietx relatata ma' traffikar ta' droga u hasil ta' flus, izda ma' ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest tad-9 ta' Frar 2022, fl-1 ta' Gunju 2024 u fix-xhur ta' qabel.

13. Dan l-izvista waslet lil dik il-Qorti sabiex tati l-ordni segwenti:

*“Wara li nqara l-artikoli 17 1-4 u 19.b 1. 69/05 tordna l-konsenja ta' RUSSO Gennaro ... ... lill-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika ta' Malta, fl-ezekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew mahrug fis-06.06.2024 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta ... ... talli l-persuna rikjesta wettqet 10 reati relatati mal-bejgh ta' narkotici, b'mod partikolari kokaina u kannabis, u hasil ta' flus, f'Malta fis-xhur ta' qabel il-15.12.2021, kollha bil-ghan li jsiru procedimenti kriminali kontrih fir-rigward ta' tali reati ... ...*

*Wara li nqraw l-artikoli 25 u 26.1.69/05 jissottometti l-konsenja tal-persuna soggetta ... ... bil-kundizzjoni li l-persuna ma tkunx soggetta ghal procedimenti kriminali u lanqas imcahhda mil-liberta personali ghal xi raguni ghal fatti qabel il-konsenja u differenti minn dawk li ghalihom tkun inghatat, kollha bl-eccezzjoni ta' kazijiet li fihom, wara l-konsenja, tkun irrinunzjat ghall-principju ta' relazzjoni ma' reati imwettqa qabel ... ...”*[4]

14. Ghaldaqstant, jirrizulta car li l-Qorti tal-Appell ta' Napoli awtorizzat biss l-estradizzjoni lejn Malta sabiex l-imputat jirrispondi ghal imputazzjonijiet relatati ma' reati ta' traffikar ta' droga u hasil ta' flus, u mhux ukoll sabiex jirrispondi ghar-reat ta' ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest.

[2] Ara fol. 19 tal-process.
[3] Ara fol. 93 tal-process.
[4] Ara fol. 99 tal-process.

15. Dan gie konfermat mill-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana li irriteniet hekk:

*"5. Fl-ahhar nett, il-hames raguni hija manifestament infondata, dwar in-nuqqas ta' konformita mal-principju ta' "kriminalita doppja" b'referenza ghar-reat ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-plegg.*

*Skont dak li jista' jinqara mis-sentenza kkontestata, il-mandat ta' arrest ma inharigx ukoll fir-rigward ta' dan ir-reat, izda biss ghal dawk relatati md-droga u hasil ta' flus; u f'kull kaz, il-konsenja kienet awtorizzata mill-Qorti tal-Appell biss fir-rigward ghal dawn l-ahhar kazijiet u mhux ukoll ghal dik tal-ewwel."*

16. Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-eccezzjoni tad-difiza hija gustifikata, u li ladarba l-ordni ta' estradizzjoni mill-Qrati kompetenti Taljani ma inharigx fir-rigward tar-reat ta' ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest, il-Prosekuzzjoni ma kellhix is-setgha skond il-ligi sabiex, wara li l-imputat tregga' lura Malta, tistitwixxi dawn il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu ghal ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest.

17. F'dan ir-rigward il-Qorti tirriferi ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta,[5] fis-27 ta' Lulju 2020 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Patrick Spiteri** (kawza numru 963/2024), fejn gie ritenut hekk:

*"30. Illi però hemm fattur iehor illi jiżboq fl-importanza tieghu l-fatturi l-ohra fuq imsemmija u din hija l-kwistjoni tal-kompetenza o meno ta' din il-Qorti illi tisma' jew tkompli tisma' dan il-kaz. Kif semma tajjeb id-difensur legali tal-imputat waqt it-trattazzjoni tieghu, din il-materja kienet ġiet trattata f'certu dettal f'artiklu miktub mill-Professur S.Z. Feller fl-"Israel Law Review" (pubblikazzjoni ta' Cambridge University Press):[6]*

*"The rule therefore, has two aspects, the "specificness of extradition" and the "limitation of competence", which, although they are intertwined and interdependent, each has its*

[5] *Per* Magistrat Victor Axiaq.
[6] *Feller, S. (1977). Reflections on the Nature of the Speciality Principle in Extradition Relations. Israel Law Review, 12(4), 466-525.*

*own characteristics. They are to be viewed from the standpoint of the position of the State-whether as requested to extradite or requesting extradition - and the part the State plays in applying the principle ... ...*

*... ... This competence is restricted as far as concerns its material limits in accordance with the specificness of the extradition acceded to by the requested State. Thus no person can be tried and punished in the requesting State, for offences he committed before the surrender, except within the limits set for the specificness of extradition by the requested State. In our view, this is the complete and precise bilateral structure of the speciality principle. The "specificness of extradition" and the "limitation of competence" are superimposed upon each other, stem naturally from each other, and even match each other, as is characteristic of contractual relations, built on a basis of mutual good faith, equality and respect between States. The "specificness of extradition" and the "limitation of competence" are two facets of the speciality principle, without which the principle itself would be devoid of all legal significance. They go together so that without the second component the first would collapse and without the first there would be no need for the second.*

*... ... the limitation of competence, namely the second aspect of the speciality principle, is a rule of customary international law, insofar as the States maintain extradition relations between themselves either on the basis of extradition agreements only or on an ordinary basis... ... <u>States which maintain extradition relations between themselves have no option but to observe the limitation of competence; the alternatives are either to observe it or to waive their extradition relations completely-tertium non datur</u> (emfasi miżjuda mill-*Qorti*). The concept of "extradition" necessarily includes the limitation of competence as an expression of the constant and obligatory correlation between the competence of the requesting State to try and punish the wanted person in rem, and the specificness of extradition ratione materiae and in rem as practised by the requested State. Therefore, we have to consider the limitation of competence as an inherent attribute of extradition relations, implied in all international law, including agreement, which regulates such relations and is designed to serve as a basis for their normal maintenance."*

*31. Illi l-Qorti taqbel bis-shih mal-argument illi l-kwistjoni tal-inkompetenza ta' Qorti ta' pajjiż li tisma' akkużi kontra persuna illi jkun gie ritornat lejn dik il gurisdizzjoni fuq akkużi ohra, hija wahda sine qua non fir-regola fundamentali tal-ispecjalita' fl-estradizzjoni."*

18. Din il-Qorti, kif preseduta, tikkondividi dan ir-ragunament.

19. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-Ufficjal Prosekutur donnu mhux jikkontesta l-fatt li l-imputat ma treggax lura Malta sabiex jirrinfacca proceduri kriminali ghal reat ta' ksur tal-helsien mill-arrest. Fil-fatt huwa jghid hekk:

*"Illi fil-waqt li wiehed jifhem li l-Qorti marbuta li timxi skond il-ligi u hekk ghandu jkun, hemm diversi mekkanizmi ohra sabiex il-Qorti tissalvagwardja li titnehha kull biza' ravvizata fil-ligi rigward il-liberta provizzorja, sahansitra l-Qorti tista' tirevoka l-liberta provvizjorja tal-persuna f'istanzi bhal dawn imqar tkun ristretta li ma tipprocedix bil-kawza kontra l-individwu.*

*Illi fl-umli fehma tal-prosekuzzjoni, il-Qorti ghandha tiehu kull mizura possibbli sabiex tissalvagwardja l-procediment tal-kawzi ta' Gennaro Russo, u jigi revokat il-helsien mill-arrest u dan sabiex ikun hemm serhan il-mohh li kemm jista' jkun ma jkunx hemm l-ebda biza' ta' ksur ta' kundizzjonijiet tal-liberta provvizorja."*

20. Bir-rispett kollu dovut, jidher li l-Ufficjal Prosekutur mhux qed jaghmel distinzjoni bejn proceduri taht is-subinciz (1) u proceduri taht is-subinciz (2) tal-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali. Dawn iz-zewg subincizi gew analizzati fid-dettal mill-Qorti Kostituzzjoni fis-sentenza **Il-Pulizija vs Kevin Gatt** deciza fil-15 t'April 2008, li irriteniet hekk:

*"6. ... ... Qabel l-introduzzjoni, permezz ta' l-Att XVI tal-2006, tas-subartikoli (2) sa (4) fl-Artikolu 579, persuna li tkun inhelset mill-arrest preventiv taht garanzija u li taghmel xi wahda mill-affarijiet imsemmija fl-Artikolu 579 – li allura ma kellux subartikoli – kienet, kif appena Qorti ta' Gustizzja Kriminali tikkonstata bhala fatt li avverat ruhha xi cirkostanza imsemmija f'dik id-disposizzjoni, titlef ope legis is-somma msemmija fl-obbligazzjoni, u, inoltre, dik il-Qorti kienet obbligata li tohrog mandat ta' arrest kontra taghha. ... ...*

*7. Is-subartikoli (2) sa (4) tal-Artikolu 579 – introdotti, kif inghad, permezz ta' l-Att XVI ta' l-2006 – biddlu s sitwazzjoni billi, oltre ghall-procedura stabbilita fis subartikolu (1) ta' l-Artikolu 579, introducew procedura gdida. Illum il-ksur ta' kundizzjoni imposta mill-qorti fid digriet li bih tkun tat il-helsien mill-arrest jammonta wkoll ghal reat . Bhal f'kull reat il-konsegwenza hija piena. Din il-piena tista' tkun jew dik biss indikata fis-subartikolu (2) – multa jew prigunerija, jew multa u prigunerija flimkien – jew tista' tinkludi wkoll it-telfien tal-helsien mill-arrest (izda mhux il-konfiska tas-somma ) fil-proceduri li fihom il-hati jkun inghata l-helsien mill-arrest preventiv. ... ...*

*9. S'intendi, il-prosekuzzjoni dejjem jibqalha l-ghazla flok ma tipprocedi fuq akkuza ta' reat skond is-subartikoli (2) u (3) tal-Artikolu 579, tipprocedi b'semplici rikors quddiem il-qorti kompetenti skond is-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 579, u cioe` ghall-kostatazzjoni tal-fatt tal-ksur jew ta' kundizzjoni tal-qorti jew ta' kundizzjoni statutorja biex, jekk dan jigi stabbilit, ikun hemm id-dikjarazzjoni li s-somma tghaddi favur il-Gvern u l-imputat jew akkuzat jigi riarrestat. Pero`, ghalkemm tali procedura ma hiex procedura ghas-sejbien ta' htija dwar reat, u l-konsegwenzi (jekk ikun hemm, cioe` jekk ma jigix applikat il-proviso aktar 'l fuq imsemmi) ma jistghux jitqiesu bhala "piena" jew "pieni", hija l-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti li wara tali procedura il-prosekuzzjoni ma tkunx tista' tipprocedi kriminalment kontra l-imputat jew akkuzat skond l-imsemmija subartikoli (2) u (3) tal-imsemmi Artikolu 579. ... ..."*

21. Ghaldaqstant, minkejja li fil-kaz odjern l-imputat ma treggax lura Malta sabiex jigi mixli bir-reat ta' ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali, il-Prosekuzzjoni setghet dejjem taghmel rikors lill-Qorti Istruttorja li qed tisma' l-proceduri kontra l-imputat dwar l-imputazzjonijiet ghal traffikar ta' droga u hasil ta' flus ai termini tal-Artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali ghall-kostatazzjoni tal-fatt tal-ksur tal-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, biex, jekk dan jigi stabbilit, ikun hemm id-dikjarazzjoni li s-somma tghaddi favur il-Gvern u l-imputat jigi riarrestat. Kif sewwa osservat il-Qorti Kostituzzjonali tali procedura ma hiex procedura ghas-sejbien ta' htija dwar reat, u l-konsegwenzi (jekk ikun hemm) ma jistghux jitqiesu bhala "piena" jew "pieni". Din il-procedura ai termini tal-Artikoli 579(1) issolvi wkoll il-preokkupazzjoni tal-Prosekuzzjoni li in vista tal-fatt li fl-Italja l-ksur tal-liberta provvizorja mhux meqjus bhala reat fil-ligi Taljana, jista' jikkrea sitwazzjoni ta' abbuz fi proceduri kriminali

quddiem il-qrati Maltin, fejn imputati jaharbu lejn l-Italja, ghax ma hemmx biza' ta' riperkussjonijiet ghall-azzjonijiet taghhom.

22. Pero ladarba l-Prosekuzzjoni ghazlet li tintavola l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat ai termini tal-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali sabiex l-imputat jinstab hati tar-reat tal-ksur tal-helsien mill-arrest, idejn din il-Qorti huma marbuta bid-dettami tal-ligi rigwardanti r-*rule of speciality*. Ghar-ragunijiet fuq esposti, din il-Qorti m'ghandha l-ebda kompetenza tkompli tisma' din il-kawza u ma' tistax hlief tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni taghha.

23. L-Ufficjal Prosekutur issottometta li s-"soluzzjoni" hi li din il-Qorti tkompli tisma' dawn il-proceduri, u f'kaz ta' sejbien ta' htija semplicement tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest, minghajr ma teroga piena. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti din s-"soluzzjoni" mhix legalment possibbli li issir, stante li dawn il-proceduri huma intizi ghal sejbien ta' htija dwar reat, li dwaru l-imputat ma giex estradit. Tali mizura kif suggerita mill-Ufficjal Prosekutur setghet biss tittiehed mill-Qorti kompetenti fi proceduri istitwiti ai termini tal-Artikolu 579(1) tal-Kodici Kriminali.

**Konkluzjoni**

24. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

    1. tilqa' l-eccezzjoni sollevata mid-difiza tar-*rule of speciality*;

    2. konsegwentement tiddikjara illi m'hijiex kompetenti li tkompli tisma' dawn il-proceduri, u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**